A.L. 8 ta' l-1995

ORDINANZA DWAR ID-DRITTIJIET
(KAP. 35)

Regolamenti ta' l-1995 dwar id-Drittijiet
(Użin, Stima, Assaġġ u Imbullar ta' Oġġetti tad-Deheb u tal-Fidda)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 2 ta' l-Ordinanza dwar id-Drittijiet, il-Ministru tal-Finanzi għamel ir-regolamenti li ġejjin:—

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1995 dwar id-Drittijiet (Użin, Stima, Assaġġ u Imbullar ta' Oġġetti tad-Deheb u tal-Fidda). Titolu.

2. Għandhom jitħallsu lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni, dwar is-servizzi speċifikati fl-Ewwel Kolonna ta' l-Iskeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti, id-drittijiet speċifikati għal dawk is-servizzi fit-Tieni Kolonna ta' dik l-Iskeda. Drittijiet li għandhom jitħallsu.

3. Ir-Regolamenti ta' l-1990 dwar id-Drittijiet (Boll, Użin, Stima u Assaġġ ta' Oġġetti tad-Deheb u tal-Fidda), huma b'dan revokati. Jirrevoka l-A.L. 4 ta' l-1990.

SKEDA

(Regolament 2)

L-Ewwel Kolonna	It-Tieni Kolonna
1. Għall-użin u stima ta' oġġetti tad-deheb jew tal-fidda:	
(a) meta l-valur ta' l-oġġett jew grupp ta' oġġetti ma jkunx iżjed minn Lm50	50c
(b) meta l-valur ta' l-oġġett jew grupp ta' oġġetti jkun iżjed minn Lm50 iżda ma jkunx iżjed minn Lm100	Lm1
(ċ) meta l-valur ta' l-oġġett jew grupp ta' oġġetti jkun iżjed minn Lm100	1% tal-valur ta' l-oġġett jew tal-grupp ta' oġġetti
2. Għal assaġġ industrijali	Lm2
3. Għat-tqegħid tal-boll ta' l-artiġjan meta dan jinstab li jkun nieqes fuq kull oġġett preżentat għall-boll tal-Gvern	10c għal kull oġġett. Għandu jitħallas dritt minimu ta' Lm1.